MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 543/2007

**Ballut Blocks Services Ltd (C8360)**

**vs**

**Anthony Gatt u martu Maria Gatt**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-18 ta’ Mejju, 2007, bil-procedura sommarja speċjali li bih is-socjeta’ rikorrenti, għar-ragunijiet hemm imfissra, talbet li:

(a) din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ; u
(b) tikkundanna lill-imħarrkin solidalment bejniethom ihallsuha s-somma ta’ħamest elef tliet mija sitta u sittin Lira Maltija u ħmistax-il ċentezmu (LM5,366.15), li tirrappreżenta konsiderazzjoni għal-xoghol ta’ bini u konsenja ta’ materjal relattiv ezegwit minnha fuq talba taghhom;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jagħtu lill-Qorti raġuni tajba għaliex il-kawża ma kellhiex tinqata' bla smigħ u għaliex kellhom jitħallew iressqu kontestazzjoni għat-talbiet attriċi;

Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet lill-imħarrek Anthony Gatt;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dettoti fir-rikors u dan billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u taqta' l-kawża mingħajr smigħ
2. **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin mizzewġin Gatt biex, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħamest elef tliet mija u sitta u sittin lira Maltija u ħmistax-il centezmu (Lm 5366.15), import ta' konsenja u bejgħ ta' materjal tal-bini kif fuq ingħad, bl-ispejjeż kontra l-intimati, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mis-16 ta' Frar, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------